MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 6/2007

Seduta ta' nhar il-Gimgha (7) ta' Marzu 2014

Rikors Numru 6/07 FDP

Fl-ismjiet

**Darren Marmara'**
**(ID 584381)**

**vs**

**Alex Attard (ID 456067M) u Jean Pierre Debono (ID 166578M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat fil 5 ta' Jannar 2007 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara illi l-kontenut ta' l-artikolu intitolat "**Ronnie Pellegrini jinqala' mill-ezekuttiv tal-MLP**' ippubblikat fis-26 ta' Ottubru 2006 fuq il-gazzetta In-Nazzjon huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu u ghalhekk talab lli l-Qorti tillikwida d-danni dovuti lilu a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat ir-risposta tal-konvenuti ppresentata fit 23 ta' Jannar 2007 fejn l-intimati laqghu ghal dak allegat mir-rikorrenti billi sahqu illi t-talba kellha tigi michuda peress illi l-pubblikazzjoni kienet tammnta ghal 'fair comment', dwar fatti sostanzjalment korretti u ta' interess pubbliku.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna u, partikolarment il-parti indikata mir-rikorrent bhala malafanti fil-konfront tieghu illi tghid dana li gej:

"Jidher li l-amministrazzjoni tal-MLP ilha tipprova taghmel minn kollox biex taqla' 'l barra lil Marmara' b'diversi tentattivi, kemm fl-elezzjoni tal-Kunsill Lokali kif ukoll b'mezzi ohra interni fl-MLP"

Ra ix-xhieda ta’ **Darren Marmara** moghtija fl-20 ta’ Marzu 2007.

Ra ix-xhieda ta’ **Dr Michael Falzon**, dak iz-zmien Deputat Mexxejj ghall-Affarjiet tal-Partit Laburista, moghtija fid 19 ta’ Gunju 2007.

Ra illi fid 19 ta’ Gunju 2007 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippresenta,

Ra ix-xhieda ta’ **Jean Pierre Debono**, awtur ta’ l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, moghtija fit 23 ta’ Ottubru 2007.

Ra ix-xhieda ta’ **Alex Attard**, editur tal-gazzetta In-Nazzjon, moghtija fit 23 ta’ Ottubru 2007.

Ra illi fit 8 ta’ April 2008, il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jaslu ghal transazzjoni.

Ra illi wara ghoxrin seduta li fiha l-kawza kienet regolarment differita fuq talba tal-partijiet jew ghat-transazzjoni jew ghall informazzjoni ulterjuri, fis-16 ta’ April 2012 il-kawza giet differita ghall-provi intimati.

Semghet il-kontro ezami ta’ **Darren Marmara** moghtija fit 28 ta’ Mejju 2012.

Semghet ix-xhieda ta’ **Jean Pierre Debono** moghtija fit 28 ta’ Mejju 2012 flimkien ma dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta’ **Charles Bonello**, kunsillier tal-Kunsill Lokali tal-Fgura ghall-Partit Nazzjonalista, moghtija fl-4 ta’ Ottubru 2013.

Semghet ix-xhieda ta’ **Rita Cutajar**, ex kunsilliera tal-Kunsill Lokali tal-Fgura ghall-Partit Laburista, moghtija fit 22 ta’ Novembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta’ **Pierre Dalli**, kunsillier u Vici Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Fgura ghall-Partit Laburista, moghtija fit 22 ta’ Novembru 2013.

Rat illi fit 22 ta’ Novembru 2013 il-kawza giet differit ghas-sottomissjonijet finali tal-partijiet bil-miktub.

Rat illi fis 7 ta’ Frar 2014, l-intimati ippresentaw in-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom.

Rat illi fis 17 ta’ Frar 2014 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Fil-kawza odjerna, ir-rikorrent kien qed jilmenta dwar artikolu ippubblikat fil-gazzetta In-Nazzjon illi kien jirrigwarda l-elezzjoni tas-Segretarju Distrettwali fi hdan il-Partit Laburista ghat-Tielet Distrett, liema elezzjoni ir-rikorrent kien rebah ghal sbatax-il vot kontra is-sittax-il vot illi kien gab Ronnie Pellegrini, li kien jokkupa tali kariga qabel ir-rikorrent.

Jirrizulta illi f'tali artikolu, l-artikolist ossija l-intimat Jean Pierre Debono, stqarr illi ir-rikorrent kien ikkontesta lill-Pellegrini peress illi Pellegrini kien qieghed jindahal fix-xoghol tar-rikorrenti fil-Kunsill Lokali tal-Fgura, illi fiha ir-rikorrent kien sindku. L-artikolist ikompli jghid illi l-amministrazzjoni tal-Partit Laburista, dak iz-zmien Malta Labour Party, kienet qed taghmel pressjoni fuq ir-rikorrent sabiex ma johrogx izda ir-rikorrenti kien qed jaghmel kundizzjonijiet li maghhom l-Amministrazzjoni ma qablitx. L-artikolist imbghad, filwaqt illi jghid illi l-Amministrazzjoni ilha tipprova taqla 'l barra lill-Marmara kemm mill-Partit kif ukoll mill-Kunsill Lokali tal-Fgura, jaghlaq billi jghid illi l-elezzjoni ta' Marmara kienet telfa ghall-Amministrazzjoni tal-Partit Laburista.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti, jirrizulta illi ir-rikorrent hassu malafamat bl-allegazzjonijiet illi saru u ix-xud minnu prodott, Dr Michael Falzon, fid 19 ta' Gunju 2007, xehed illi sa fejn jaf hu, ma kienx minnu li kienu qed isiru xi sforzi biex jitnehha ir-rikorrent.

Jirrizulta, madanakollu, illi, fil-mori tal-kawza odjerna, fis 7 ta' Lulju 2010, giet ippresentata mozzjoni mill-Kunsilleri Laburisti fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura, illi fiha hemm maggoranza ta' Kunsillieri Laburisti, illi biha kien qieghed jintalab li r-rikorrent jitnehha minn Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Fgura, liema mozzjoni kienet ser tigi diskussa mill-Kunsill fis 16 ta' Lulju 2010.

Dina l-mozzjoni kienet tghid, fost affarjiet ohra, s-segwenti:

> *"Peress li ma ghadux aktar possibbli li jkun hemm klima serena bejn il-kunsilleria hawn taht iffirmati u dan ghalhiex ma ghadhiex aktar possibbli li jahdmu mas-Sindku attwali.*
>
> *Peress li ghalhekk ghall-ahjar operat u andament tax-xoghol tal-Kunsill, hu necessarju li jinbidel is-Sindku attwali*
>
> *Peress li ahna ftehmna li din il-kariga tista tkun okkupata mill-Kunsilleri Byron Camilleri*
>
> *Ghaldaqstant ahna, il-Kunsilliera hawn taht iffirmati qeghdin nirrisolvu dan li gej: Li s-Sindku attwali (Darren Marmara) jitnehha u minfloku jinhatar bhala Sindku, il-Kunsiller Byron Camilleri"*

Jirrizulta illi dina l-mozzjoni kienet iffirmata minn hames Kunsilleri mis-sitta li kien elegga il-Partit Laburista li, flimkien mat-tlett deputati tal-Partit Nazzjonalista, kienu jiffurmaw il-Kunsill tal-Fgura.

Jirrizulta wkoll illi tali mozzjoni giet appoggjata mill-Partit Laburista wkoll tant illi, fil 15 ta' Lulju 2010, l-Ufficcju tal-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista hareg Stqarrija ghall-Istampa li tghid is-segwenti:

> *"Il-Partit Laburista, wara li diga ddikjara li qieghed jappoggia l-mozzjoni ta' sfiducja fis-Sindku Darren Marmara', qieghed b'mod car jiddikjara illi tilef il-fiducja fis-Sindku attwali.*

> *Wara li s-Sur Marmara' ma tax spjegazzjoni sodisfacjenti ghall-agir tieghu, u wara li rrifjuta li jirrizenja, l-Partit Laburista ma kellu ebda triq ohra hlief li jitressaq vot ta' sfiducja fis-Sur Marmara"*

Ghandu jinghad, f'dana l-istadju, illi ir-rikorrent, sahaq mal-Qorti illi huwa ma kellu ebda pressjoni sabiex jirrizenja u kien irrizenja biss ghax kien hemm sfidja da' parte tal-kunsilleria, liema mozzjoni izda qatt ma giet diskussa peress illi huwa irrizenja qabel ma saret il-laqa' fejn kellha tigi diskussa.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Rita Cutajar u Pierre Dalli, kunsilliera tal-Kunsill Lokali Fgura ghall-Partit Laburista li kienu fil-Kunsill meta saret il-mozzjoni ta' tnehhija tar-rikorrent, illi l-Amministrazzjoni tal-Partit Laburista kien involut fil-kwistjoni tas-Sur Marmara' u kien konxju tal-problemi u kien anke intervjena biex isolvi l-problema u kien a korrent tal-mozzjoni illi kienet saret

**Ikkunsidrat**

Id-difiza imqajjma mill-intimati fil-kaz odjern kienet dik tal-'fair comment", peress illi sahqu illi l-fatti kienu sostanzjalment korretti u ta' interess pubbliku.

Dwar il-principju ta' "fair comment", dina l-Qorti gia kellha l-opportunita' illi tiddiskutiha fir-reqqa fis-sentenza '**Dr Joseph Mifsud vs Onor Robert Arrigo et**' (Avv 290/05) deciza fl-24 ta' Frar 2014, u ghalhekk il-Qorti ser taghmel referenza ghall-principjji enuncjati f'tali sentenza.

Madanakollu, ikun opportun illi jigi indikati xi posizzjonijiet legali u gudizzjari li huma necessarji sabiex tigi evalwata l-kaz odjern.

L-ewwel u qabel kollox, ghandu jigi kkunsidrat illi ir-rikorrent huwa politiku, fis-sens illi huwa involut fil-Kunsilli Lokali kif ukoll fil-Partit LAburista u ghalhekk, bhala tali, ghandu jitqies bhala politiku. Dana qieghed jinghad ghax dwar il-livell ta' kritika li politiku tista ssirlu, kif gie stabbilit fid-decizjoni tal-European Court of Human Rights fis-sentenza **Ligens vs Austria**, u abbracjata mill-Qorti Maltin, intqal illi:-

> *Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*
>
> *The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Mill-banda l-ohra, dwar id-difiza ta' 'fair comment', jinghad f'**Gatley on Libel and Slander** :

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Huwa fatt illi d-"difiza" tal-"fair comment" dejjem kienet intiza sabiex tissalvagwardja dritt li hu importanti daqs dak li individwu jipprotegi r-reputazzjoni tajba tieghu, u cioe`id-dritt tal-espressjoni hielsa.

Fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, Lord Phillips kien ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet sabiex wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *..... the defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

**Ikkunsidrat**

Abbazi tal-konsiderazzjonijiet imresqa minn Lord Philips u abbracjati minn dina l-Qorti, jkun opportun illi jigi ezaminati l-hames elementi imsemmija minn Lord Philips sabiex jigi stabbilit jekk, fil-kaz odjern, dak illi intqal kienx 'fair comment' jew le.

**(i)** "*the words complained of were comment*" - ma hemmx dubju illi l-kliem li intuzaw kienu kumment dwar dak li kien qieghed jigri, peress illi l-artikolu kien qieghed jirrappurta taqtiha illi kienet ghaddejja fi hdan il-Partit Laburista ghal-elezzjoni tal-kariga ta' Segretarju Distrettwali tal-MLP ghat-Tilet Distrett, liema taqtiegha tidher illi kienet wahda kombattuta hafna tant illi ir-rikorrent kien rebah il-konkorrenza tas-Sgretarju Distrettwali ta' qabel, Ronnie Pellegrini, bi sbatax-il vot kontra sittax-il vot - jigifieri diffrenza ta' vot wiehed.

**(ii)** "*the comment was on facts*" - jidher, mill-fatt kif prodotti, illi huwa minnu li r-rikorrent seta kellu xi opposizzjoni da' parte ta' l-Amministrazjoni tal-Partit ta' dak iz-zmien. Dana qieghed jinghad ghax, filwaqt illi huwa veru illi Dr Michael Falzon, bhala deputat Mexxejj ghall-Affarjiet tal-Partit Laburista, stqarr illi huwa personalment ma kienx jaf b'xi problemi relatati mas-Sur Marmara, jirrizulta illi tali problemi kienu jesistu, tant illi, tlett snin wara, waqt il-mori tal-kawza, ir-rikorrent rinfaccja mozzjoni ta' sfiduzja u tnehhija tieghhu minn Sindku tal-Fgura, liema mozzjoni kellha anke il-"barka" tal-Partit Laburista tant illi l-istess Partit Laburista hareg stqarrija jikkonferma l-appogg tieghu ghal tali mozzjoni ta' sfiducja. Certament, il-Qorti tifhem illi tali sfiducja ma kienetx dikjarata fl-apert fil-mument illi nkiteb l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, izda certament, il-mod kif sehhet l-isfiducja fir-rikorrent u li kienet anke appoggjata mill-Partit Laburista stess hija indikazzjoni cara illi s-sitwazzjoni tar-rikrorent certament ma kienetx wahda felici fil-mument meta inkiteb l-artikolu, anke meta wiehed jikkunsidra illi ghall-elezzjoni illi dwaru l-artikolu kien qieghed jitkellem, ir-rikrorent gad 17-il vot filwaqt illi l-konkorrent l-iehor, Ronnie Pellegrini, li kien hemm qabel, gab 16-il vot.

**(iii)**"*the facts commented on constituted a matter of public interest"* - ma hemmx dubju illi l-elezzjoni ta' kariga bhalma ma hija dik ta' Segretarju Distrettwali tal-Partit Laburista ghat-Tielet Distrett hija ta' interess pubbliku, certament ghall-kull min huwa fit-Tielet Distrett u jhadda twemmin fil-Partit Laburista. Ghalhekk, ma hemm ebda dubju illi l-kumment kien ta' interess pubbliku.

**(iv)**"*the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate*;" - il-mod kif gie redatt l-artikolu, bid-dettalji dwar l-elezzjoni, illi ma gew bl-ebda mod michuda mir-rikorrent, jaghtu stampa cara tas-sitwazzjoni illi dwarha kien qieghed jikkummenta l-artikolist u ghalhekk, la darba l-fatti gew enuncjati b'mod car u korrett, allura l-kumment ghandu jiqties bhala wiehed oggettivament korrett u gust, peress illi bbazat fuq fatti li sehhew.

**(v)** "*the comment represented the defendant's honest opinion*." - il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghaliex tiddubita illi l-artikolist kien qieghed jaqdi dmiru bhala gurnalist fil-mument illi kiteb l-artikou meritu tal-kawza odjerna u, filwaqt illi huwa minnu li politikalment, l-artikolist u ir-rikorrent huma ta' twemmin oppost, dana minnu inniffsu ma huwiex sufficjenti sabiex iwassal lill-Qorti biex tasal ghal xi konkluzjoni illi kien hemm xi malizja jew intenzjoni hazina da parte ta' l-artikolist Jean Pierre Debono.

Ikkunsidrati dawna l-fatti kollha, il-Qorti ma ssibx illi l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, ossija "Ronnie Pellegrini jinqala' mill-Ezekuttiv tal-MLP'. huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent, peress illi tali artikolu huwa bbazat fuq 'fair comment', li hija l-bazi tal-liberta' ta' l-espressjoni, liema liberta' ghandha tigi protetta gelozament minn dawna l-Qrati ghax huma riflessjoni ta' socjeta demokratika u oggettiva, li hija rizultat ta' zvilupp ta' socjeta' li temmen fid-drittijiet kemm tal-bniedem kif ukoll ta' l-informazzjoni, liema informazzjoni hija necessarja ghac-cittadin sabiex ikun dejjem jista jiehu decizjoni infurmata fil-hajja ta' llum.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u rat is-sottomissjonijiet ippresentati

Tghaddi beix taqta u tiddeciedi billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet ta’ l-intimati u tiddikjara illi l-pubblikazzjoni intitolata ‘Ronnie Pellegrini jinqala’ mill-Ezekuttiv tal-MLP’ ippubblikata fil-harga tal-gazzetta In-Nazzjon fis 26 ta’ Ottubru 2006 tammona ghal “fair comment”, u ghalhekk

**Tichad** it-talba attrici

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------